MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 228/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Karmenu Cutajar**
**-- *omissis* --**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet – originarjament migjuba kontra Karmenu Cutajar kif ukoll kontra Mario Cutajar – talli f'Hal-Luqa, fis-27 ta' Marzu, 2002 f'xi hin bejn is-sebgha u t-tmienja ta' filghodu (**1**) volontarjament ikkagunaw offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Vincent Barun skond kif iccertifika t-tabib Dott. Andrew Cassar ta' l-Isptar San Luqa; (**2**) talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika u l-bon-ordni b'ghajjat u glied; (**3**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi bi kliem insulentaw u heddu lil Vincent Barun; kif ukoll (**4**) talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew dagha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2002, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lil Mario Cutajar mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, illiberat lil Karmenu Cutajar mit-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda sabet lill-istess Karmenu Cutajar hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ erba’ mitt lira (Lm400);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Karmenu Cutajar, minnu ppresentat fl-14 ta’ Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ l-24 ta’ Jannar, 2003; ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda incident li nqala’ fuq il-lant tax-xoghol. Vincent Barun mar jilmenta ma’ Karmenu Cutajar ghax dan u huh kienu allegaw li huwa kien qed jappropria ruhhu indebitament minn xi *diesel*. Barun dahal jghajjat fejn kien qed jahdem Karmenu Cutajar u dan xejjirlu bl-invell u, fost offizi ohra, ikkagunalu ksur f’idu x-xellugija.

L-appellant mhux jikkontesta li hu xejjer bl-invell u li laqat u wegga’ lil Barun, izda qed jikkontendi li dan ghamlu in legittima difeza tieghu innifsu. Issa, kif inhu risaput, biex wiehed ikun jista’ jeccepixxi b’success il-legittima difeza skond l-Artikolu 223[1] tal-Kodici Kriminali hu mehtieg li jirrizulta, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li l-akkuzat ikun ikkaguna offiza fuq il-persuna (jew, fil-kaz ta’ akkuza ta’ omicidju volontarju, ikun qatel) biex jiddefendi ruhhu jew biex jiddefendi lil haddiehor minn hsara <u>ingusta</u>, <u>gravi</u> u <u>inevitabbli</u>. Hsara hi meqjusa li tkun gravi jekk tkun diretta lejn l-inkolumita` personali ta’ dak li jkun[2], jigifieri jekk dak li jkun (u li allura jagixxi biex jeddefendi lilu nnifsu jew lil

---

[1] **Art. 223:** “Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita` legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew ta’ haddiehor”.

[2] Jew lejn il-kastita` tieghu jew ta’ haddiehor – ara Artikolu 224(c) tal-Kap. 9. Bid-“difiza tal-kastita`” f’dan l-artikolu wiehed ghandu jifhem li wiehed jiddefendi lilu nnifsu jew lil haddiehor minn vjolenza sesswali jew abbuzi ohra sesswali ta’ natura materjali u mhux semplicement ta’ natura psikologika jew ideologika.

haddiehor billi jipprova jevita dik il-hsara) jirravviza offiza fuq il-persuna tieghu jew ta' haddiehor gejja mill-persuna li kontra taghha jagixxi. Il-hsara, pero`, trid tkun ukoll inevitabbli, fis-sens li tkun attwali (jigifieri ta' dak il-hin stess, mhux semplici manacca ta' xi haga fil-futur), improvvisa u impreveduta, u li ma tkunx tista' tigi ragjonevolment evitata b'xi mod iehor hlief billi dak li jkun jikkaguna l-offiza fuq il persuna ta' l-aggressur jew joqtlu. Fl-ahhar nett, il-hsara tkun ingusta jekk ma tkunx ordnata jew permessa "mil-ligi jew mill-awtorita` legittima". Jehtieg finalment li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-perikolu ravvizat u l-mezz adoperat biex jigi evitat dak il-perikolu; in mankanza ta' tali proporzjonalita` jkun hemm l-eccess tal-legittima difeza ravvizat fl-Artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali, b'mod li min skriminanti (legittima defiza minghajr eccess) ikun hemm semplici skuzanti.

Fil-kaz in dizamina hemm zewg verzjonijiet ta' x'gara. Il-verzjoni ta' Vincent Barun li huwa gie aggredit minn Karmenu Cutajar <u>kif ukoll minn Mario Cutajar</u> – b'wiehed izommu u l-iehor jaghtih – evidentement giet skartata mill-ewwel qorti. Il-verzjoni l-ohra, cioe` dik ta' l-ahwa Karmenu u Mario Cutajar[3], korroborata b'dik ta' Carmel Cutajar (iben Karmenu), hi li Barun mar b'rabja kbira fuq il-lant tax-xoghol, baqa' diehel fejn kien hemm Karmenu jahdem u b'certa aggressivita` mar fuqu, u kif appena l-istess Barun refa' idejh, Karmenu kien pront tah daqqa bl-invell. Il-mistoqsija, ghalhekk hi: b'dak li ghamel Karmenu Cutajar jista' jinghad li huwa kien qed jiddefendi ruhhu minn hsara ingusta, gravi u inevitabbli gejja minn Vincent Barun?

It-twegiba ghal din il-mistoqsija tiddependi hafna fuq it-twegiba ghal mistoqsija ohra, u cioe` x'sinjifikat ghandu wiehed jaghti ghall-gest ta' Barun meta dan, b'rabja u f'sahna, refa' jew gholla idejh? Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet ta' Karmenu Cutajar, Mario Cutajar u Carmel Cutajar. Tinnota in partikolari li ghall-

[3] Id-deposizzjoni ta' Mario Cutajar (li xehed bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, fol. 46 sa 52) tista' tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti, cioe` fi stadju ta' appell, peress li dana Mario Cutajar gie liberat mill-ewwel qorti, u ghalhekk issa ma hemmx aktar ostakolu li huwa "jixhed" favur jew kontra huh Kamenu.

bidu Karmenu Cutajar ta' verzjoni li fiha anqas jissemma l-fatt li Barun refa' idejh:

**L-Erbgha filghodu ergajna morna fl-istess post ahna u gie dan u [qal] min hadlek id-diesel, u ghidtlu itlaqli l'isfel, itlaqli l'isfel. Ghidtielu xi erba' darbiet u baqa' diehel fuqi u tajtu daqqa ta' invell u daqshekk (fol. 41).**

Minnufih wara, pero`, l-istess xhud jghid hekk:

**Gie jgahjjat ifhem, jien prendejtu ghax jekk tara l-kaz, malli gholla idejh hekk, id-daqqa qieghda hawn, malli gholla idejh jien kont pront u capcapthielu id-daqqa u telaq l-isfel (fol. 41).**

Mario Cutajar jghid hekk:

**…l-Erbgha filghodu gie u tela' minn isfel jghajjat min hadilkom id-diesel u dahal jigri ghal hdejn hija u dak baqa' diehel jigri ghal fuqu u dak kif rah ser jerfa' idejh ghal fuqu tah xi daqqa bl-invell u harab jigri l-isfel Censu Barun. Startja l-van u telaq (fol. 47).**

Carmel Cutajar jghid hekk:

**L-ewwel Vince dahal minn go l-bieb. Missieri kien qieghed jibni u jien kont qisni daqs ghoxrin metru boghod minnu wara l-hajt. Vince baqa' diehel gej lejh, lejn missieri u beda jghajjat min hadilkom id-diesel min hadilkom id-diesel u ahna bdejna nghidulu ahjar jinzel l-isfel u ghednilu insomma. Imbghad hu baqa' gej fuq missieri Vince imbghad hu beda biex jerfa' idejh fuqu u l-iehor kif ra hekk missieri tah daqqa ta' invell (fol. 54).**

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ghalkemm hi propensa li tikkoncedi li Karmenu Cutajar kien qed jirravviza xi hsara ghall-persuna tieghu gejja mill-fatt li Barun gholla jew refa' idejh – il-Qorti tifhem, bhallikieku kien ser jaghti xi daqqa lil Cutajar – ma tarax li r-reazzjoni ta' Cutajar biex jiddefendi ruhhu kienet proporzjonata. Dan qed jinghad mhux biss ghax ghall-uzu ta' l-id jew l-idejn intuza invell

bhala arma irregulari[4] u dan meta ma hemm xejn x'jindika li Karmenu Cutajar ma setax jiddefendi ruhhu billi wkoll juza idejh (per ezempju, ma hemm ebda allegazzjoni li minhabba differenza fl-istatura jew fl-eta` jew fis-sahha l-uzu ta' l-idejn kien ikun inutili ghal Cutajar), izda ghax mic-certifikat mediku (fol. 16) jirrizulta li Barun kellu diversi kontuzjonijiet fuq idu x-xellugija. Dan ifisser li kien hemm mhux daqqa wahda, izda diversi daqqiet li, fic-cirkostanzi, il-Qorti tara li ma kienux strettament mehtiega biex Karmenu Cutajar jiddefendi ruhhu mill-aggressjoni ta' Barun. Ghalhekk f'dan il-kaz kien hemm biss l-iskuzanti kontemplata fil-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 227, kif applikabbli ghall-offizi volontarji fuq il-persuna bl-Artikolu 230(d) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tarax li f'dan il-kaz kien hemm l-estremi mehtiega ghall-applikazzjoni tal-*proviso* tal-paragrafu (d) ta' l-imsemmi Artikolu 227.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Karmenu Cutajar hati skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' erba mitt lira u minflok tiddikjara lill-imsemmi Karmenu Cutajar hati talli kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Vincent Barun b'dan li d-delitt sar filwaqt li Cutajar kien qed jagixxi biex jiddefendi lilu nnifsu skond l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali izda ecceda l-limiti imposti mill-bzonn u ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 216(1)(d), 227(d), 230(d) u 233(1)(a) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-istess Karmenu Cutajar multa ta' mija sitta w sittin lira (Lm166), konvertibbli fi tlieta w tletin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Artikolu 64(2), Kap. 9.